

Brussell, 1 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9953/26

EF 169
ECOFIN 713
DELECT 93

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3200 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'28.5.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw rekwiżiti tar-riskju operazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3200 final.

Mehmuż: C(2026) 3200 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2026
C(2026) 3200 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'28.5.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw rekwiżiti tar-riskju
operazzjonali**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 314(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara l-preżentazzjoni ta' abbozz ta' standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati biex tispeċifika l-komponenti tal-indikatur tan-negozju għar-riskju operazzjonali billi tiżviluppa lista ta' subentrati li huma parti mill-kalkolu tal-indikatur tan-negozju u l-elementi li għandhom jiġu esklużi minnu.

L-Artikolu 315(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara s-sottomissjoni ta' abbozz ta' standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority), u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati biex tispeċifika "kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għall-indikatur tan-negozju" (l-Artikolu 315(3), il-punt (a), li jirreferi għall-fużjonijiet, l-akkwiżizzjonijiet u d-disponimenti), "il-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permess" u "iż-żmien tal-aġġustamenti" (l-Artikolu 315(3), il-punti (b) u (c), li jirreferu għad-disponimenti biss).

L-Artikolu 316(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara l-preżentazzjoni ta' abbozzi ta' standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament Nru (UE) 1093/2010, atti delegati biex jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom il-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operattiv jista' jitqies bħala "piż sproporzjonat".

L-Artikolu 317(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara l-preżentazzjoni tal-abbozz ta' standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority), u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament Nru (UE) 1093/2010, atti delegati biex jistabbilixxu tassonomija tar-riskju dwar ir-riskju operazzjonali u metodoloġija biex jikklassifikaw l-eventi ta' telf inklużi fis-sett tad-data dwar it-telf.

L-Artikolu 321(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara s-sottomissjoni ta' abbozz ta' standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati biex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għas-sett ta' data dwar it-telf tagħhom wara l-inklużjoni tat-telf minn entitajiet jew attivitajiet fużi jew akkwiziżiti.

L-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jirrikjedi li l-Kummissjoni tiddeċiedi fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-abbozz tal-istandards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' tapprova wkoll l-abbozz ta' standards b'mod parzjali biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkun jirrikjedu dan, filwaqt li tqis il-proċedura speċifika stabbilita f'dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Skont l-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament Nru (UE) 1093/2010, l-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 314(9), il-punt (a), l-Artikolu 314(9), il-punt (b), l-Artikolu 314(10) u l-Artikolu 315(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dokument ta' konsultazzjoni ġie ppubblikat fuq is-sit tal-internet tal-EBA fl-20 ta' Frar 2024, u l-konsultazzjoni għalqet fil-21 ta' Mejju 2024. Wara l-feedback miksub matul dik il-konsultazzjoni, l-EBA inkorporat

emendi fl-abbozz tal-istandards tekniċi. L-abbozz finali tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni kien akkumpanjat minn rendikont dettaljat ta' kif l-eżiti tal-konsultazzjoni ġew integrati fl-iżvilupp tat-testi legali finali.

Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, u f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, inkluż l-analiżi tagħha tal-ispejjeż u l-benefiċċji, b'rabta mal-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni. Dik l-analiżi hija disponibbli fuq <https://www.eba.europa.eu/activities/single-rulebook/regulatory-activities/operational-risk/technical-standards-new-business>, il-paġni 45 sa 61 tar-Rapport Finali.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 316(3), l-Artikolu 317(9), u l-Artikolu 321(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dokument ta' konsultazzjoni ġie ppubblikat fuq is-sit tal-internet tal-EBA fis-6 ta' Ġunju 2024, u l-konsultazzjoni għalqet fis-6 ta' Settembru 2024. Barra minn hekk, l-EBA organizzat sessjoni ta' ħidma tal-industrija fit-12 ta' Novembru 2024. Wara l-feedback miksub matul dik il-konsultazzjoni, l-EBA inkorporat emendi fl-abbozz tal-istandards tekniċi. L-abbozz finali tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni kien akkumpanjat minn rendikont dettaljat ta' kif l-eżiti tal-konsultazzjoni ġew integrati fl-iżvilupp tat-testi legali finali.

Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, u f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, inkluż l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji, b'rabta mal-istandards tekniċi abbozzati ppreżentati lill-Kummissjoni. Dik l-analiżi hija disponibbli fuq <https://www.eba.europa.eu/activities/single-rulebook/regulatory-activities/operational-risk/regulatory-technical-standards-operational-risk-loss>, il-paġni 40 sa 46, tar-Rapport Finali.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dawn l-istandards tekniċi regolatorji jispeċifikaw aspetti ewlenin tal-qafas tar-riskju operazzjonali. Huma jispeċifikaw il-komponenti tal-indikatur tan-negożju billi jagħtu dettalji dwar lista ta' entrati u l-elementi li għandhom jiġu esklużi mill-indikatur tan-negożju. L-istandards tekniċi regolatorji jispeċifikaw ukoll kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għall-indikatur tan-negożju wara fużjonijiet, akkwiżizzjonijiet u disponimenti, il-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permess biex jiġi aġġustat l-indikatur tan-negożju wara d-disponimenti u t-twaqqit tal-aġġustamenti wara d-disponimenti.

Barra minn hekk, l-istandards tekniċi regolatorji jistabbilixxu tassonomija tar-riskju fuq ir-riskju operazzjonali u metodoloġija biex jiġu kklassifikati l-eventi ta' telf inklużi fis-sett ta' data dwar it-telf billi tiġi żviluppata lista ta' eventi ta' telf tar-riskju operazzjonali, u tiġi pprovduta gwida dwar il-klassifikazzjoni ta' telf irkuprat malajr u telf minn proċedimenti legali. Barra minn hekk, dawn l-istandards tekniċi regolatorji jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom il-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operattiv għandu jitqies bħala ta' piż żejjed għall-istituzzjonijiet li l-indikatur tan-negożju tagħhom huwa ugwali għal jew aktar minn EUR 750 miljun u ma jaqbiżx EUR 1 biljun. Fl-aħħar nett, dawn l-istandards tekniċi regolatorji jispeċifikaw kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għas-sett ta' data dwar it-telf tagħhom wara l-inklużjoni tat-telf minn entitajiet jew attivitajiet fużi jew akkwiżiti.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'28.5.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw rekwiżiti tar-riskju operazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(9), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 315(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 316(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 317(9), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 321(2), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) L-indikatur tan-negozju huwa indikatur indirett tar-riskju operazzjonali bbażat fuq ir-rapporti finanzjarji. L-elementi li jirrappreżentaw operazzjonijiet ta' negozju bankarju ordinarju fir-rapporti finanzjarji jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak l-indikatur, filwaqt li l-elementi li għandhom jiġu esklużi mill-indikatur tan-negozju jenħtieġ li jkunu dawk li ma jirrappreżentawx operazzjonijiet ta' negozju bankarju ordinarju kif elenkati fl-Artikolu 314(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Id-determinazzjoni ta' liema elementi jenħtieġ li jiġu inklużi fl-indikatur tan-negozju u l-komponenti differenti tiegħu, jew esklużi minnhom, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq dak li huwa stabbilit fl-istandards regolatorji internazzjonali.
- (2) Għal xi komponenti ta' introjtu u spejjeż, ikun sproporzjonat li jiġi sseparat il-valur tas-subkomponenti jew l-elementi differenti tagħhom. Minn dan isegwi li fejn element ta' introjtu jew ta' spiża jkun elenkat fost l-elementi esklużi, iżda jkun fih ukoll elementi li jkunu elenkati fost l-elementi li għandhom jiġu inklużi, jew viċi versa, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiżguraw li tali elementi ma jiġux esklużi, jew inklużi, aktar minn darba.
- (3) Sabiex jallinjaw mal-istandards regolatorji internazzjonali, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu l-introjtu mill-imgħax u l-ispejjeż tal-imgħax fil-komponent tal-imgħax, tal-lokazzjonijiet u tad-dividendi. L-Artikolu 314(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jinkludu l-introjtu u l-ispejjeż kollha li jirriżultaw minn lokazzjonijiet finanzjarji u operatorji fil-komponent tal-imgħax u tal-lokazzjonijiet, inklużi d-deprezzament u l-indeboliment. Jenħtieġ li l-entrati relatati ma' lokazzjonijiet inklużi fil-komponent tal-imgħax, tal-lokazzjonijiet u tad-dividendi tal-indikatur tan-negozju jiġu allinjati ma' dawk fl-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 16. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu l-introjtu u l-ispejjeż kollha mill-proprietajiet għall-investment li jiġġeneraw kirjiet, inkluż introjtu mill-kiri minn

¹ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>.

proprietajiet għall-investment, fil-komponent tal-imgħax, tal-lokazzjonijiet u tad-dividendi.

- (4) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-istandards regolatorji internazzjonali, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-komponent tal-assi msemmi fl-Artikolu 314(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma ta' ċerti assi tal-karta bilanċjali. Peress li l-komponent tal-assi jikkontribwixxi għall-kalkolu tal-komponent tal-imgħax, tal-lokazzjonijiet u tad-dividendi, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu wkoll fil-komponent tal-assi l-assi kollha fuq il-karta bilanċjali li jiġġeneraw introjtu mill-imgħax jew li jwasslu għal spejjeż tal-imgħax.
- (5) L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jinkludu l-introjtu mid-dividendi fil-komponent tal-imgħax, tal-lokazzjonijiet u tad-dividendi. L-introjtu mid-dividendi jenħtieġ li jinkludi l-introjtu mid-dividendi tal-istituzzjoni minn investimenti fi stokks u fondi mhux konsolidati fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni, inkluż l-introjtu mid-dividendi minn sussidjarji mhux konsolidati, kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti.
- (6) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu introjtu operatorju ieħor fil-komponent tas-servizz. Jenħtieġ li introjtu operatorju ieħor jinkludi introjtu minn operazzjonijiet ordinarji mhux inklużi f'entrati oħra tal-indikatur tan-negozju iżda ta' natura simili.
- (7) Skont l-Artikolu 314(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jinkludu fl-ispejjeż operatorji l-oħra l-ispejjeż u t-telf tagħhom minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali. Dawk l-avvenimenti ta' riskju operazzjonali jistgħu jieħdu diversi forom fir-rapport finanzjarju ta' istituzzjoni, inklużi spejjeż, telf, provvedimenti, indeboliment u deprezzament. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu fl-ispejjeż operattivi l-oħra tagħhom l-impatti kollha tal-avvenimenti ta' riskju operattiv li jaffettwaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom, irrispettivament minn kif dawk l-ispejjeż huma ttikkettjati jew kontabilizzati. Minħabba li l-Artikolu 314(7), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jispeċifika li l-primjums imħallsa u l-pagamenti riċevuti minn poloz tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mixtrija ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju, isegwi li tali spejjeż jenħtieġ li jkunu grossi mill-poloż tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mixtrija. Madankollu, dawk l-ispejjeż jenħtieġ li jkunu netti minn irkupru għajr l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. Dawk l-ispejjeż jenħtieġ li jinkludu wkoll telf eċċeżżjonali li l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mill-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operazzjonali tagħhom wara li jkun inkiseb il-permess imsemmi fl-Artikolu 320(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (8) Sabiex tinkiseb informazzjoni xierqa u eżawrjenti dwar fejn l-impatti finanzjarji ta' avvenimenti ta' riskju operazzjonali jiġu kontabilizzati fir-rapport finanzjarju ta' istituzzjoni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddiżagggregaw dawk l-impatti finanzjarji skont l-entrati ewlenin tar-rapport tal-profit u t-telf fejn jiġu kontabilizzati dawk l-impatti.
- (9) L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu introjtu minn tariffi u kummissjonijiet fil-komponent tas-servizz. Jenħtieġ li dan jinkludi l-introjtu riċevut mill-għoti ta' pariri u servizzi, u l-introjtu riċevut mill-istituzzjoni bħala esternalizzatur tas-servizzi finanzjarji.
- (10) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu l-ispejjeż tat-tariffi u l-kummissjonijiet fil-komponent tas-servizz. Jenħtieġ li dak jinkludi l-ispejjeż imħallsa biex wieħed jirċievi pariri u servizzi u t-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsa mill-istituzzjoni għall-forniment ta' servizzi finanzjarji, iżda għandu jeskludi t-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsa għall-forniment ta' servizzi mhux finanzjarji, bħar-riżorsi loġistiċi, tal-IT jew umani.
- (11) Ċerti tipi ta' operazzjonijiet jew għażliet kontabilistiċi, inkluż l-iħħeġġjar ekonomiku tal-valur ġust permezz ta' pożizzjonijiet ta' profit u telf, u l-qsim fi tnejn ta' derivattivi

inkorporati fi strumenti finanzjarji ibridi jew strutturati ospitanti, jistgħu jikkawżaw żieda mhux ġustifikata fil-komponent finanzjarju, li l-formula tiegħu tipprevedi s-somma tal-valuri assoluti tal-profitt u t-telf tal-komponent tal-portafoll tan-negozjar u tal-komponent tal-portafoll bankarju. Fl-iħħeġġjar ekonomiku, tali żieda mhux ġustifikata hija dovuta għall-preżenza ta' tipi ta' operazzjonijiet li huma strettament relatati ma' xulxin u li huma ta' sinjal oppost ta' profitt u telf. Meta jiġu rreġistrati f'konformità mal-istandards kontabilistiċi, l-ammonti ta' dawk l-operazzjonijiet jiġu kontabbilizzati f'komponenti differenti tal-indikatur tan-negozju (jiġifieri l-komponent tal-portafoll tan-negozjar u l-komponent tal-portafoll bankarju). Għalhekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux jikkumpensaw l-ammonti ta' dawk l-operazzjonijiet meta dawk l-ammonti jiġu kkalkolati fil-komponent finanzjarju. Meta dak ikun il-każ, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jithallex jadottaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali, jiġifieri li jikkalkulaw il-komponent finanzjarju f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu I, il-Kapitolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

- (12) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu l-komponent kummerċjali fil-komponent finanzjarju, li fih profitt jew telf nett fuq assi u obbligazzjonijiet kummerċjali, mill-kontabilità tal-iħħeġġjar, u mid-differenzi fil-kambju.
- (13) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu l-komponent bankarju fil-komponent finanzjarju, li fih il-profitt jew it-telf nett fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-portafoll mhux tan-negozjar, kif ukoll il-profitt jew it-telf nett mill-kontabilità għall-iħħeġġjar u mid-differenzi fil-kambju tal-entrati fil-portafoll mhux tan-negozjar. Jenħtieġ li telf li diġà ġie kkunsidrat fil-kalkolu tal-assi ponderati għar-riskju tal-kreditu ma jiġix inkluż fil-komponent bankarju.
- (14) Sabiex jiġi evitat l-użu mhux xieraq tal-approċċ ta' konfini prudenzjali, jenħtieġ li l-kunċett ta' "żieda mhux ġustifikata fil-komponent finanzjarju" fil-każ tal-iħħeġġjar ekonomiku ma jiġix estiż biex ikopri l-profitt u t-telf tal-istrumenti għall-iħħeġġjar fil-portafoll tan-negozjar li mhumiex relatati b'mod ċar mal-profitt u t-telf tal-istrumenti ħħeġġjati fil-portafoll mhux tan-negozjar ivvalutati fil-valur ġust permezz tal-profitt u t-telf, jew għal sitwazzjonijiet fejn l-istituzzjonijiet ma jikkonformawx bis-sħiħ mar-regoli u l-kundizzjonijiet tal-approċċ ta' konfini prudenzjali stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu I, il-Kapitolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Barra minn hekk, l-aġġustamenti għall-komponent finanzjarju jenħtieġ li jkunu limitati għall-ammont ta' profitt u telf relatat mar-riskji effettivament koperti mill-ħeġġ, u li jpaċu materjalment il-profitt u t-telf kontabilistiċi tal-elementi ħħeġġjati.
- (15) L-istituzzjonijiet li beħsiebhom jadottaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkalkulaw il-profitt u t-telf tal-pożizzjonijiet kollha miżmuma fil-portafoll tan-negozjar prudenzjali u fil-portafoll prudenzjali mhux tan-negozjar, matul it-tliet snin finanzjarji previsti għall-kalkolu tal-komponent finanzjarju. Fil-każ ta' ħħeġġjar ekonomiku, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jidentifikaw il-profitt u t-telf tal-istrumenti ħħeġġjati u tal-ħeġġijiet relatati, filwaqt li jgħaqqdu l-ħeġġijiet mar-riskji ħħeġġjati, u jiddokumentaw ir-relazzjoni tal-ħeġġ f'konformità mal-oġettivi tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni. Dawk il-kalkoli huma differenti mill-kalkolu mwettaq skont l-approċċ kontabilistiku u mhumiex ibbażati fuq standards kontabilistiċi armonizzati u lanqas ma huma soġġetti għal rapporti superviżorji perjodiċi. Għalhekk, huma biss l-istituzzjonijiet li għandhom fis-seħħ politiki, proċeduri, sistemi u kontrolli biex iwettqu tali kalkoli b'mod xieraq u biex jidentifikaw l-ammonti ta' profitt u telf f'każ ta' ħħeġġjar ekonomiku, li jiddokumentawhom kif xieraq, li għandhom jithallex jadottaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali.

- (16) Sabiex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju permezz tal-użu magħżul tal-approċċ ta' konfini prudenzjali f'xi snin tal-kalkolu, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali għat-tliet snin finanzjarji kollha previsti għall-kalkolu tal-indikatur tan-negozju. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jitħallew jużaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali flimkien mal-approċċ kontabilistiku għal ċerti entitajiet fl-istess grupp jew ċerti tipi ta' operazzjonijiet jew għażliet kontabilistiċi, inklużi dawk relatati mal-iħħeġġjar tal-ħruġ strutturat. B'mod partikolari, meta l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ tal-limitu prudenzjali biss għal tipi magħżula ta' operazzjonijiet, jenħtieġ li jużaw l-approċċ kontabilistiku għall-parti li jifdal tal-karta bilanċjali.
- (17) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrieżaminaw l-adozzjoni tal-approċċ tal-limitu prudenzjali, l-istituzzjonijiet li beħsiebhom jadottaw dak l-approċċ jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom b'dokumentazzjoni u informazzjoni adegwati qabel l-implimentazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet li biħsiebhom jużaw l-approċċ tal-konfini prudenzjali parzjalment biss, għall-istess raġuni, jinkludu wkoll fin-notifika informazzjoni dwar l-approċċ tal-kontabilità.
- (18) Meta kwalunkwe kundizzjoni li tippermetti l-adozzjoni tal-approċċ ta' konfini prudenzjali ma tibqax tiġi ssodisfata, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jerġgħu lura għall-approċċ kontabilistiku. Sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ma jaqilbux bejn dawk iż-żewġ approċċi ta' spiss wisq.
- (19) Minn perspettiva ta' riskju operazzjonali, il-prodotti jew is-servizzi tar-riassigurazzjoni ma jvarjawx kunċettwalment minn prodotti jew servizzi finanzjarji li l-introjtu u l-ispejjeż tagħhom li jirriżultaw mid-distribuzzjoni tagħhom huma inklużi fl-indikatur tan-negozju, tipikament taħt l-introjtu mit-tariffi u mill-kummissjonijiet jew l-ispejjeż tat-tariffi u tal-kummissjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjoni mateskludix mill-kalkolu tal-indikatur tan-negozju l-introjtu u l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-bejgħ jew mid-distribuzzjoni ta' prodotti jew servizzi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.
- (20) Ċerti impatti finanzjarji relatati mal-assi ta' lokazzjoni jew li jirriżultaw minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali, jew it-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsa għall-provvista ta' servizzi finanzjarji, jistgħu, f'każijiet speċifiċi, jiġu kontabilizzati taħt l-entrati li ġejjin, elenkati fl-Artikolu 314(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: spejjeż amministrattivi, inklużi spejjeż tal-persunal, kif imsemmi fl-Artikolu 314(7), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, deprezzament ta' assi tanġibbli, amortizzament ta' assi intanġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 314(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u indeboliment jew treġġigħ lura ta' indeboliment kif imsemmi fl-Artikolu 314(7), il-punt (i), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ma jeskludux dawk l-impatti finanzjarji mill-kalkolu tal-indikatur tan-negozju.
- (21) Fil-każ ta' akkwizzizzjonijiet, fużjonijiet jew disponimenti, il-kunsiderazzjoni tal-perjodu ta' 3 snin finanzjarji bbażata fuq rapporti finanzjarji għall-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tista' twassal għal diverġenza potenzjali bejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali u l-profil tar-riskju effettiv ta' istituzzjoni partikolari. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit metodu għad-determinazzjoni tal-aġġustament tal-indikatur tan-negozju fil-każ ta' fużjonijiet, ta' akkwizzizzjonijiet jew ta' disponimenti, u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-permess sabiex jiġu esklużi mill-indikatur tan-negozju ammonti relatati ma' entitajiet jew attivitajiet disposti, sabiex b'hekk jiġi żgurat allinjament aħjar bejn ir-rekwiżiti ta' kapital tal-istituzzjonijiet u l-profil tar-riskju effettiv tal-istituzzjonijiet.
- (22) L-indikatur tan-negozju huwa indikatur indirett tar-riskju operazzjonali ibbażat fuq ir-rapporti finanzjarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet fil-prinċipju jibbażaw l-

aġġustament tagħhom wara fużjonijiet jew akkwiżizzjonijiet fuq ir-rapport finanzjarju awditjat tal-entitajiet jew l-attivitajiet fużi jew akkwiżiti. Madankollu, l-istituzzjonijiet jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet sabiex jirkupraw serje storika ta' data preċiża relatata mal-entitajiet jew mal-attivitajiet fużi jew akkwiżiti matul il-perjodu ta' tliet snin finanzjarji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex tiġi riflessa l-operazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikollhom il-possibbiltà li jużaw opzjonijiet alternattivi ta' kalkolu meta d-data storika relatata mal-entità jew mal-attivitajiet akkwiżiti jew fużi ma tkunx disponibbli jew preċiża sabiex tkopri l-perjodu sħiħ li jkun rilevanti għall-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tagħhom. Dawk il-metodi ta' kalkolu alternattivi jenħtieġ li jkunu konservattivi biżżejjed.

- (23) Id-disponiment ta' negozju jew ta' entità mhux dejjem jista' jimplika li r-riskju operazzjonali relatat mal-entità jew mal-attivitajiet disposti jiġi ttrasferit bis-sħiħ lill-entità akkwirenti. It-termini u l-kundizzjonijiet tad-disponiment jistgħu jipprevedu arranġament ta' indennizz f'każ ta' obligazzjonijiet jew telf ġodda li jirriżultaw minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jseħħu qabel id-disponiment. Għalhekk, fil-każ ta' disponimenti, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permess imsemmi fl-Artikolu 315(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'mod partikolari, jiżguraw li l-entità jew l-attività disposta ma tibqax titqies rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.
- (24) Skont l-Artikolu 316(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet b'indikatur tan-negozju ta' EUR 750 miljun jew aktar għandhom, minbarra l-komponent tal-indikatur tan-negozju, jikkompilaw data dwar it-telf mir-riskju operazzjonali u jikkalkulaw it-telf annwali tagħhom mir-riskju operazzjonali. L-istandards internazzjonali dwar ir-riskju operazzjonali, inklużi dawk mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, jirrikjedu li l-eventi ta' telf jiġu kklassifikati f'seba' tipi ta' eventi. Sabiex tikkonforma ma' dawk l-istandards, it-tassonomija tar-riskju operazzjonali msemmija fl-Artikolu 317(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-istess tipi ta' avvenimenti.
- (25) Sabiex tinkiseb sistema ta' klassifikazzjoni granulari biżżejjed, t-tassonomija tar-riskju operazzjonali jenħtieġ li tinkludi wkoll it-tieni livell ta' klassifikazzjoni, abbażi tal-aħjar prattiki tal-industrija. Għaldaqstant, jenħtieġ li data dwar l-eventi ta' telf fit-tassonomija tar-riskju operazzjonali tiġi organizzata f'tipi ta' eventi tal-Livell 1, li jirrappreżentaw il-makroeventi li għalihom għandu jiġi assenjat event ta' telf, u kategoriji tal-Livell 2, li jelenkaw f'aktar dettall il-karatteristiċi tat-tipi ta' eventi korrispondenti tal-Livell 1. Sabiex titrawwem l-armonizzazzjoni fir-reġistrazzjoni ta' eventi ta' telf, jenħtieġ li d-disinn u d-deskrizzjoni tal-kategoriji tal-Livell 2 jiġu żviluppati f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattiki tal-industrija.
- (26) Sabiex tiġi pprovduta l-istampa sħiħa tat-telf ta' istituzzjoni, il-kostruzzjoni tat-tassonomija tar-riskju operazzjonali fit-tipi ta' avvenimenti tal-Livell 1 u fil-kategoriji tal-Livell 2 jenħtieġ li titfassal biex tagħmilhom reċiprokament esklużivi u kollettivament eżawrjenti, mingħajr ebda kategorija residwa.
- (27) Għalkemm it-tipi ta' eventi tal-Livell 1 u l-kategoriji tal-Livell 2 jenħtieġ li jkunu eżawrjenti b'referenza għat-telf mir-riskju operazzjonali, xi eventi ta' telf jistgħu jkunu attribwibbli għal deskrizzjoni supplimentari minbarra l-assenjazzjoni tiegħu għat-tip ta' event tal-Livell 1 u l-kategorija tal-Livell 2 rilevanti. Sabiex jarrikkixxu r-reġistrazzjoni tal-informazzjoni disponibbli dwar eventi ta' telf, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jassenjaw attribut wieħed jew, fejn xieraq, aktar minn wieħed għal dawk l-eventi. Minħabba n-natura tagħhom, jenħtieġ li l-attributi majitfasslux b'mod li biex ikunu reċiprokament esklużivi u kollettivament eżawrjenti. Għalhekk, għandu jkun possibbli li jiġu assenjati attributi

multipli għal event ta' telf wieħed, inklużi eventi ta' telf relatati ma' "fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT" kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (19), tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li jenħtieġ li jiġu assenjati kemm l-attributi tar-"riskju tal-ICT" kif ukoll dawk tar-"Riskju ta' parti terza".

- (28) Sabiex jiddeskrivu b'mod adegwat it-telf imġarrab minn istituzzjoni, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jirreġistraw biss it-telf li huwa rilevanti għall-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operazzjonali fis-sett ta' data dwar it-telf. Madankollu, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ma jinkludux fis-sett ta' data dwar it-telf it-telf it-telf li jiġi rkuprat fi żmien 5 ijiem tax-xogħol, peress li t-telf jiġi rikonoxxut bħala rkuprat malajr.
- (29) It-tassonomija tat-telf tar-riskju operazzjonali jenħtieġ li tippermetti superviżjoni effettiva tar-riskju operazzjonali, u jenħtieġ li tkun proporzjonata meta tiġi applikata għall-ewwel darba. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li d-data storika tal-kategoriji u l-attributi tal-Livell 2 tiġi pprovduta fuq bażi tal-aħjar sforz jew fuq bażi volontarja għal mill-inqas is-sena 2025 sħiħa. Min-naħa l-oħra, peress li l-kategoriji tal-Livell 1 ma nbidlux meta mqabbla mal-qafas eżistenti, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jipprovdu data storika għal mill-inqas is-sena mill-1 ta' Jannar 2016.
- (30) Il-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet jistgħu jobligaw lil istituzzjoni tikkalkula t-telf annwali mir-riskju operazzjonali minħabba ż-żieda fid-daqs tal-indikatur tan-negozju. Barra minn hekk, l-isfidi li jirriżultaw mill-integrazzjoni tal-entitajiet fużi jew akkwiziżjoni jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw it-telf mir-riskju operazzjonali, li jista' jkun ta' piż bla bżonn. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jingħataw biżżejjed żmien sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit li jikkalkulaw it-telf annwali mir-riskju operazzjonali.
- (31) L-istituzzjonijiet jistgħu jirrapportaw indikatur tan-negozju ugħali għal jew ogħla minn EUR 750 miljun temporanament biss, minħabba ċirkostanzi tranżitorji. Għalhekk, ikun ta' piż bla bżonn għal dawk l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw it-telf annwali mir-riskju operazzjonali meta jaqbżu l-limitu huwa biss eċċezzjoni temporanja f'ċertu perjodu ta' żmien.
- (32) F'ċirkostanzi speċifiċi, istituzzjonijiet tranżitorji jistgħu jitwaqqfu biex jimmaniġġjaw ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet. Minħabba l-ispeċifiċità tal-istituzzjonijiet tranżitorji u n-natura temporanja tagħhom, ikun ta' piż bla bżonn għal dawk l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw it-telf annwali mir-riskji operazzjonali. Għal dik ir-raġuni, dawn jenħtieġ li jkunu eżentati minn dak ir-rekwiżit.
- (33) Entitajiet jew attivitajiet akkwiziżjoni jew fużi jistgħu jirreġistraw telf bl-użu ta' tassonomija tar-riskju li hija differenti minn dik tal-istituzzjoni tar-rapportar. Sabiex jiġu żgurati l-komparabbiltà u l-konsistenza tad-data, l-istituzzjoni relatriċi jenħtieġ li tikklassifika mill-ġdid it-telf tal-entitajiet akkwiziżjoni jew fużi bl-użu tat-tassonomija tar-riskju msemmija fl-Artikolu 317 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (34) It-telf tal-entitajiet jew l-attivitajiet akkwiziżjoni jew fużi jista' jkun f'munita li tkun differenti minn dik tal-istituzzjoni tar-rapportar. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkorporaw dak it-telf fit-telf tal-istituzzjoni tar-rapportar billi jużaw, għal kull tiegħ ta' għaxar snin, ir-rata tal-kambju użata fi tmiem is-sena rilevanti.
- (35) Entitajiet jew attivitajiet fużi jew akkwiziżjoni ma jistgħux jirreġistraw telf, jew jistgħu jirreġistraw telf bl-użu ta' tassonomija tar-riskju li hija differenti minn dik imsemmija fl-

² Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj>).

Artikolu 317(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 minħabba li dawk l-entitajiet jew l-attivitajiet mhumiex meħtieġa mil-liġi applikabbli jibnu sett ta' data dwar it-telf f'konformità mal-Artikolu 317(2) ta' dak ir-Regolament. Huwa possibbli wkoll li entitajiet jew attivitajiet fużi jew akkwiziżiti ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 317 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal kull waħda mill-għaxar snin qabel l-akkwiżizzjoni jew il-fużjoni. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw it-telf annwali mir-riskju operazzjonali billi jużaw it-telf irrapportat li għalih hemm data disponibbli, filwaqt li jaġġustaw ir-riżultat għar-rata ta' kopertura jew għat-telf irrapportat meta mqabbel mal-istituzzjoni kollha.

- (36) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib peress li kollha jispeċifikaw aspetti ewlenin tar-reqwiżiti tar-riskju operazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti finali u sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'mod konsistenti, jenħtieġ li dawn jiġu inklużi f'Regolament wieħed.
- (37) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (38) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj>).

PARTI I
KOMPONENTI TAL-INDIKATUR TAN-NEGOZJU, ELEMENTI LI GĦANDHOM JIĠU
ESKLUŻI MINN DAK L-INDIKATUR, U AĠĠUSTAMENTI GĦAL DAK L-
INDIKATUR

TITOLU I
KOMPONENTI TAL-INDIKATUR TAN-NEGOZJU

KAPITOLU 1
Komponent tal-Imgħax, tal-lokazzjonijiet u tad-dividendi

Artikolu 1
Introjtu mill-imgħax

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-introjtu mill-imgħax imsemmi fl-Artikolu 314(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma tas-subelementi li ġejjin:

- (a) introjtu mill-imgħax fuq assi finanzjarji miżmuma għan-negozju;
- (b) introjtu mill-imgħax minn assi finanzjarji mhux kummerċjali b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf;
- (c) introjtu mill-imgħax fuq assi finanzjarji deżinjati bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf;
- (d) introjtu mill-imgħax għall-assi finanzjarji mkejje bil-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor;
- (e) introjtu mill-imgħax minn assi finanzjarji b'kost amortizzat;
- (f) introjtu mill-imgħax mill-kontabilità għall-iħħeġġjar – derivattivi tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;
- (g) introjtu mill-imgħax fuq assi oħra;
- (h) introjtu mill-imgħax fuq l-obbligazzjonijiet;
- (i) introjtu minn lokazzjonijiet operatorji, inkluż introjtu mill-kiri minn proprjetà għall-investment;
- (j) introjtu minn bidliet fil-valur ġust fi proprjetajiet għall-investment li jiġġeneraw kirjiet u jitkejlu bl-użu tal-mudell tal-valur ġust;
- (k) profitti minn assi mogħtija b'lokazzjoni, inkluż qligħ minn modifiki fil-lokazzjoni.

Artikolu 2
Spejjeż tal-imgħax

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ispejjeż tal-imgħax imsemmija fl-Artikolu 314(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma tas-subelementi li ġejjin:

- (a) spejjeż tal-imgħax minn obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għall-kummerċ;
- (b) spejjeż tal-imgħax fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji deżinjati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf;
- (c) spejjeż tal-imgħax għall-assi finanzjarji mkejla bil-kost amortizzat;

- (d) spejjeż tal-imgħax mill-kontabilità għall-iħħeġġjar – derivattivi tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;
- (e) spejjeż tal-imgħax fuq l-obbligazzjonijiet ta' lokazzjoni;
- (f) spejjeż tal-imgħax fuq assi;
- (g) spejjeż ta' lokazzjoni operatorja, inklużi spejjeż operatorji diretti minn proprjetà għall-investiment li tiġġenera l-kera;
- (h) spejjeż minn bidliet fil-valur ġust fi proprjetajiet għall-investiment li jiġġeneraw kera u jitkejlu bl-użu tal-mudell tal-valur ġust;
- (i) telf minn assi operatorji mogħtija b'lokazzjoni;
- (j) deprezzament u indeboliment jew treġġigħ lura ta' indeboliment ta' assi lokati operatorji li l-introjtu jew l-ispejjeż tagħhom huma inklużi fil-kalkolu tal-komponent tal-imgħax.

Is-subentrati msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandu jkun fihom l-ebda spiża minħabba avvenimenti ta' riskju operazzjonali. L-istituzzjonijiet għandhom minflok jinkludu dawk l-ispejjeż fil-punt imsemmi fl-Artikolu 6(1), punt (d)(i).

Artikolu 3

Komponent tal-assi

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-komponent tal-assi msemmi fl-Artikolu 314(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma tas-subelementi li ġejjin:

- (a) valur kontabilistiku gross ta' bilanċ ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn;
- (b) valur kontabilistiku gross ta' titoli ta' dejn;
- (c) valur kontabilistiku gross ta' self u avvanzj;
- (d) il-valur ġust ta' derivattivi kklassifikati bħala assi finanzjarji fid-data ta' referenza għall-kalkolu tal-komponent tal-assi, sakemm il-flussi minn dawn id-derivattivi jkunu ġew rikonoxxuti matul is-sena finanzjarja fil-komponent tal-imgħax;
- (e) ammont riportat ta' assi tanġibbli u assi intanġibbli soġġetti għal lokazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu kemm in-negozjar, il-ħeġġijiet ekonomiċi, kif ukoll il-kontabbiltà għall-iħħeġġjar.

Artikolu 4

Komponent tad-dividendi

Il-komponent tad-dividendi msemmi fl-Artikolu 314(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu jkun magħmul mill-introjtu mid-dividendi kemm mill-istrumenti ta' ekwità kif ukoll mill-investimenti.

KAPITOLU 2

Komponent tas-servizzi

Artikolu 5

Introjtu operatorju ieħor

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-introjtu operatorju l-ieħor imsemmi fl-Artikolu 314(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma tal-elementi li ġejjin, bl-eċċezzjoni tal-irkupru tal-ispejjeż amministrattivi:

- (a) introjtu minn bidliet fil-valur ġust f'assi tanġibbli mkejjeż bl-użu tal-mudell tal-valur ġust, ħlief introjtu minn bidliet fil-valur ġust fi proprjetajiet għall-investment li jiġġeneraw kirjiet u jitkejlu bl-użu tal-mudell tal-valur ġust;
- (b) introjtu minn introjtu ieħor mhux dovut għal lokazzjonijiet;
- (c) profitt minn assi mhux kurrenti u gruppi ta' disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ li ma jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma tkomplewx.

Artikolu 6

Spejjeż oħra tal-operazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ispejjeż operatorji l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 314(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma tal-elementi li ġejjin:

- (a) spejjeż minn bidliet fil-valur ġust f'assi tanġibbli mkejla bl-użu tal-mudell tal-valur ġust, bl-eċċezzjoni ta' spejjeż minn bidliet fil-valur ġust fi proprjetajiet għall-investment li jiġġeneraw kirjiet u jitkejlu bl-użu tal-mudell tal-valur ġust;
- (b) spejjeż minn spejjeż oħra li mhumiex dovuti għal eventi ta' riskju operazzjonali u mhux dovuti għal assi mogħtija b'lokazzjoni;
- (c) telf minn assi mhux kurrenti u gruppi ta' disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ li ma jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma tkomplewx;
- (d) telf, spejjeż, provvedimenti u impatti finanzjarji oħra li huma dovuti għal eventi ta' riskju operazzjonali kontabbilizzati fi kwalunkwe entrata tar-rapport tal-profitt u t-telf, inklużi dawk it-telf, spejjeż, provvedimenti u impatti finanzjarji oħra li huma kontabbilizzati fl-entrati li ġejjin:
 - (i) spejjeż tal-imgħax;
 - (ii) spejjeż operatorji oħra;
 - (iii) spejjeż tal-persunal;
 - (iv) spejjeż amministrattivi oħrajn;
 - (v) deprezzament;
 - (vi) dispożizzjonijiet jew (-) treġġiġħ lura tad-dispożizzjonijiet;
 - (vii) indeboliment jew (-) riversjar tal-indeboliment.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (d), it-telf, l-ispejjeż, il-provvedimenti u impatti finanzjarji oħra li huma dovuti għal eventi ta' riskju operazzjonali:

- (a) għandhom ikunu netti mill-pagamenti relatati riċevuti minn poloz tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mixtrija;

- (b) ma għandhomx ikunu netti minn kwalunkwe pagament relatat riċevut minn poloz tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mixtrija;
- (c) ma għandhomx jinkludu dak it-telf eċċezzjonali li, wara l-permess mogħti mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 320(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jista' jiġi eskluż mill-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operattiv tal-istituzzjoni.

Artikolu 7

Komponent tal-introjtu minn tariffi u minn kummissjonijiet

Il-komponent tal-introjtu mit-tariffi u mill-kummissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 314(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu jinkludi introjtu minn attivitajiet anċillari għas-servizzi finanzjarji, inkluż introjtu minn attivitajiet tal-IT meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' servizz finanzjarju. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-introjtu mit-tariffi u mill-kummissjonijiet bħala s-somma tal-entrati li ġejjin:

- (a) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn titoli;
- (b) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn finanzjament korporattiv;
- (c) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn pariri bbażati fuq tariffi;
- (d) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet mill-ikklerjar u s-saldu;
- (e) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet mill-ġestjoni tal-assi;
- (f) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet mill-kustodja;
- (g) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn servizzi amministrattivi ċentrali għal investiment kollettiv;
- (h) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn tranżazzjonijiet fiduċjarji;
- (i) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn servizzi ta' pagament;
- (j) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn riżorsi tal-klijenti distribwiti iżda mhux ġestiti;
- (k) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn finanzjament strutturat;
- (l) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn attivitajiet ta' servizzjar ta' self;
- (m) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn impenji ta' self mogħtija;
- (n) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn garanziji finanzjarji mogħtija;
- (o) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn self mogħti;
- (p) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet mill-kambju;
- (q) introjtu minn tariffi u kummissjonijiet minn komoditajiet;
- (r) introjtu ieħor minn tariffi u minn kummissjonijiet.

Artikolu 8

Komponent tal-ispejjeż tat-tariffi u tal-kummissjonijiet

Il-komponent tal-ispejjeż tat-tariffi u tal-kummissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 314(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jinkludu l-ispejjeż minn attivitajiet anċillari għas-servizzi finanzjarji, inklużi l-ispejjeż minn attivitajiet tal-IT meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' servizz

finanzjarju. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ispejjeż tat-tariffi u tal-kummissjonijiet bħala s-somma tal-elementi li ġejjin:

- (a) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet minn titoli;
- (b) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet mill-ikklerjar u s-saldu;
- (c) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet mill-ġestjoni tal-assi;
- (d) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet mill-kustodja;
- (e) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet minn servizzi ta' pagament;
- (f) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet minn attivitajiet ta' servizzjar ta' self;
- (g) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet minn impenji ta' self riċevuti;
- (h) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet minn garanziji finanzjarji riċevuti;
- (i) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet minn distribuzzjoni ta' prodotti pprovduta esternament;
- (j) spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet mill-kambju;
- (k) spejjeż oħrajn ta' tariffi u kummissjonijiet.

KAPITOLU 3 **Komponent finanzjarju**

Artikolu 9

Kalkolu tal-komponent finanzjarju

Meta jikkalkulaw il-komponent finanzjarju msemmi fl-Artikolu 314(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw wieħed mill-approċi li ġejjin:

- (a) l-“approċċ kontabilistiku” li skontu jikkalkulaw il-komponent finanzjarju f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-Regolament abbażi tal-qafas kontabilistiku applikabbli;
- (b) l-“approċċ ta' konfini prudenzjali” li skontu jikkalkulaw il-komponent finanzjarju f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' konfini prudenzjali stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu 1, il-Kapitolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (i) ċerti tipi ta' operazzjonijiet imwettqa, jew għażliet kontabilistiċi adottati, inkluż l-iħħeġġjar ekonomiku tal-valur ġust permezz ta' pożizzjonijiet ta' profitt u telf jew il-qsim fi tnejn ta' derivattivi inkorporati fi strumenti finanzjarji ibridi ospitanti jew strutturati, jirriżultaw f'żieda mhux ġustifikata tal-komponent finanzjarju meta jintuża l-approċċ kontabilistiku;
 - (ii) l-istituzzjoni għandha fis-seħħ politiki, proċeduri, sistemi u kontrolli biex:
 - (1) jiġu identifikati l-profitt u t-telf tal-istrumenti ħħeġġjati u tal-ħeġġijiet relatati, filwaqt li tgħaqqad dawk il-ħeġġijiet relatati mar-riskji ħħeġġjati;
 - (2) tikkalkula kif xieraq il-profitti u t-telf tal-portafoll tan-negożjar prudenzjali u tal-portafoll mhux tan-negożjar prudenzjali;

- (iii) il-politiki, il-proċeduri, is-sistemi u l-kontrolli interni jippermettu d-dokumentazzjoni tar-relazzjoni tal-iħħeġġjar u l-bidliet tagħha maż-żmien abbażi tal-obiettivi u l-għażliet tal-ġestjoni tar-riskju;
- (iv) l-aġġustamenti għall-komponent finanzjarju huma ristretti għall-ammont ta' profitt u telf relatat mar-riskji effettivament koperti mill-ħeġġ u t-tpaċija materjali tal-profitt u t-telf kontabilistiċi tal-elementi ħħeġġjati.

TAQSIMA 1

KALKOLU TAL-KOMPONENT FINANZJARJU F'KONFORMITÀ MAL-APPROĊĊ KONTABILISTIKU

Artikolu 10

Komponent tal-portafoll tan-negozjar

Meta jikkalkulaw il-komponent finanzjarju f'konformità mal-approċċ kontabilistiku, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-komponent tal-portafoll tan-negozjar imsemmi fl-Artikolu 314(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma tal-elementi li ġejjin:

- (a) qligħ jew (-) telf fuq assi u obligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għal negozju, nett;
- (b) qligħ jew (-) telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar, nett, fejn il-kontabilità għall-iħħeġġjar tintuża għall-iħħeġġjar ta' assi u obligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju;
- (c) differenzi fil-kambju [qligħ jew (-) telf], netti, fejn tali differenzi joriġinaw minn assi u obligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju.

Artikolu 11

Komponent tal-portafoll bankarju

Meta jikkalkulaw il-komponent finanzjarju f'konformità mal-approċċ kontabilistiku, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-komponent tal-portafoll bankarju msemmi fl-Artikolu 314(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala s-somma tal-entrati li ġejjin:

- (a) qligħ jew (-) telf fuq l-irtirar tar-rikonossiment tal-assi u obligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf, nett;
- (b) qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obligatorju fil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf;
- (c) qligħ jew (-) telf fuq assi u obligazzjonijiet finanzjarji mniżżla bil-valur ġust permezz ta' qligħ jew telf, nett;
- (d) qligħ jew (-) telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar, nett, fejn il-kontabilità għall-iħħeġġjar tintuża għall-iħħeġġjar ta' assi u obligazzjonijiet finanzjarji minbarra dawk miżmuma għan-negozju;
- (e) differenzi fil-kambju [qligħ jew (-) telf], netti, fejn tali differenzi joriġinaw minn assi u obligazzjonijiet finanzjarji għajr dawk miżmuma għall-kummerċ.

TAQSIMA 2
KALKOLU TAL-KOMPONENT FINANZJARJU F'KONFORMITÀ MAL-APPROĊĊ TA' KONFINI
PRUDENZJALI

Artikolu 12

Approċċ ta' konfini prudenzjali

1. Meta jużaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali għall-kalkolu tal-komponent finanzjarju, l-istituzzjonijiet għandhom jaġġustaw l-elementi msemmija fl-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu I, il-Kapitolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali b'mod konsistenti mal-istrateġiji, il-politiki, il-proċeduri, is-sistemi u l-kontrolli tagħhom, kif stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu 1, il-Kapitolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
3. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali flimkien mal-approċċ kontabilistiku.
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali għal ċerti entitajiet fl-istess grupp jew ċerti tipi ta' operazzjonijiet. F'dak il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom juru li l-għażla tal-ambitu tal-approċċ ta' konfini prudenzjali ma ssirx biex jinvolvu ruħhom f'arbitraġġ regolatorju. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-approċċ kontabilistiku għall-parti li jifdal tal-karta bilanċjali. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe bidla materjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-approċċ ta' konfini prudenzjali f'konformità mal-Artikolu 13.
4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali għat-tliet snin finanzjarji kollha previsti għall-kalkolu tal-komponent finanzjarju.
5. Meta l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, il-punt (b), humiex issodisfati.

Artikolu 13

Proċedura ta' notifika għall-użu tal-approċċ ta' konfini prudenzjali

1. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tagħhom bl-intenzjoni tagħhom li jużaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali mill-inqas 90 jum qabel ma jibdeu jużaw dak l-approċċ.
2. In-notifika tal-intenzjoni li jintuża l-approċċ ta' konfini prudenzjali għandu jkun fiha dan li ġej:
 - (a) konferma li l-użu tal-approċċ ta' konfini prudenzjali ġie approvat mill-korp maniġerjali jew minn kumitat intern maħtur minnu, u d-data ta' dik l-approvazzjoni;
 - (b) id-data li minnha se jintuża l-approċċ ta' konfini prudenzjali;
 - (c) id-deskrizzjoni tat-tipi ta' operazzjonijiet imwettqa jew l-għażliet kontabilistiċi adottati li jikkawżaw iż-żieda mhux ġustifikata fil-komponent finanzjarju u l-aspettattivi tal-istituzzjoni dwar l-iżvilupp tagħhom;
 - (d) deskrizzjoni tal-portafolli tal-komponent tal-portafoll tan-negożjar u tal-komponent tal-portafoll bankarju li huma affettwati miż-żieda mhux ġustifikata;

- (e) il-valur ta' dawk il-portafolli msemmija fil-punt (d) fid-data ta' referenza tan-notifika, espress bħala:
 - (i) nozzjonali għad-derivattivi;
 - (ii) nominali għal strumenti ta' dejn;
 - (iii) il-valur tas-suq għall-istokks u l-impriżi ta' investment kollettiv;
 - (f) meta n-notifika tiġi sottomessa minn entità konsolidanti, il-kontribuzzjoni għal kull sussidjarja għall-portafolli msemmija fil-punti (d) u (e);
 - (g) deskrizzjoni tal-aġġustamenti fl-entrati msemmija fl-Artikoli 10 u 11 minħabba l-użu tal-approċċ ta' konfini prudenzjali;
 - (h) analiżi tal-impatt, fl-aħħar data ta' rapportar meta mqabbel mal-approċċ kontabilistiku, tal-użu tal-approċċ ta' konfini prudenzjali, fuq:
 - (i) il-komponent tal-portafoll tan-negozjar;
 - (ii) il-komponent tal-portafoll bankarju;
 - (iii) il-komponent finanzjarju;
 - (iv) l-indikatur tan-negozju;
 - (v) ir-reqwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali;
 - (i) meta l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali flimkien mal-approċċ kontabilistiku f'konformità mal-Artikolu 12(3):
 - (i) deskrizzjoni tat-tipi ta' operazzjonijiet li għalihom jintuża l-approċċ kontabilistiku;
 - (ii) analiżi tal-impatt, fl-aħħar data ta' rapportar meta mqabbel mal-approċċ ta' konfini prudenzjali, tal-użu tal-approċċ kontabilistiku fuq:
 - (1) il-komponent tal-portafoll tan-negozjar;
 - (2) il-komponent tal-portafoll bankarju;
 - (3) il-komponent finanzjarju;
 - (4) l-indikatur tan-negozju;
 - (5) ir-reqwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali;
 - (j) deskrizzjoni tal-politiki, il-proċeduri, is-sistemi u l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 9, il-punt (b) (ii);
 - (k) rapport tar-rieżami indipendenti tal-funzjoni indipendenti ta' kontroll tar-riskju tal-istituzzjoni, jew tal-awditjar intern jew estern, dwar it-twettiq tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, il-punt (b).
3. Il-perjodu ta' 90 jum imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jibda biss meta l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ikunu kompluti.
4. L-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw id-dokumentazzjoni li ġejja u jipprovdu dak l-aġġornament lill-awtorità kompetenti tagħhom:
- (a) mill-inqas darba fis-sena d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (c) sa (i) u l-punt (k);
 - (b) id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (j), iżda biss meta jkun hemm bidliet matul il-perjodu tal-użu tal-approċċ ta' konfini prudenzjali.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti tagħhom bid-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (h) u (i) fid-data ta' referenza tal-aġġornament tal-kalkolu tal-indikatur tan-negożju.

Artikolu 14

Treġġiġh lura għall-approċċ tal-kontabilità

1. L-istituzzjonijiet għandhom jereġġu lura għall-approċċ kontabilistiku meta kwalunkwe kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 9, il-punt (b), ma tibqax issodisfata.
2. L-istituzzjonijiet li jkunu reġġu lura għall-approċċ kontabilistiku għandhom japplikaw dak l-approċċ kontabilistiku għat-tliet snin finanzjarji kollha previsti għall-kalkolu tal-komponent finanzjarju.
3. L-istituzzjonijiet li jkunu reġġu lura għall-approċċ kontabilistiku ma għandhomx jereġġu jużaw l-approċċ ta' konfini prudenzjali matul it-tliet snin finanzjarji ta' wara.

Artikolu 15

Proċedura ta' notifika għat-treġġiġh lura għall-approċċ tal-kontabilità

1. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bit-treġġiġh lura tagħhom għall-approċċ kontabilistiku mill-inqas 90 jum qabel tali treġġiġh lura.
2. In-notifika tat-treġġiġh lura għall-approċċ kontabilistiku għandu jkun fiha:
 - (a) konferma li t-treġġiġh lura għall-approċċ kontabilistiku jkun ġie approvat mill-korp maniġerjali jew minn kumitat intern maħtur minn dak il-korp maniġerjali, u d-data ta' dik l-approvazzjoni;
 - (b) id-data minn meta se jintuża l-approċċ kontabilistiku;
 - (c) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 9, il-punt (b), li ma għadhomx issodisfati;
 - (d) l-analiżi tal-impatt, fl-aħħar data ta' rapportar meta mqabbla mal-approċċ ta' konfini prudenzjali, tat-treġġiġh lura għall-approċċ kontabilistiku fuq:
 - (i) il-komponent tal-portafoll tan-negożjar;
 - (ii) il-komponent tal-portafoll bankarju;
 - (iii) il-komponent finanzjarju;
 - (iv) l-indikatur tan-negożju;
 - (v) ir-reqwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali;
 - (e) rapport tal-analiżi indipendenti tal-funzjoni indipendenti tal-kontroll tar-riskju tal-istituzzjoni, jew tal-awditjar intern jew estern, dwar il-punti (c) u (d).

TITOLU II

ELEMENTI LI GħANDHOM JIĠU ESKLUŻI MILL-INDIKATUR TAN-NEGOZJU

Artikolu 16

Kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjonijiet mill-indikatur tan-negożju

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 314(7), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jeskludu mill-kalkolu tal-indikatur tan-negożju l-introjtu u

l-ispejjeż li jirriżultaw mid-distribuzzjoni ta' prodotti jew servizzi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 314(7), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jeskludu mill-kalkolu tal-indikatur tan-negozju l-entrati li ġejjin, meta jitqiesu bħala spejjeż amministrattivi:
 - (a) tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsa għall-forniment ta' servizzi finanzjarji;
 - (b) l-ispejjeż tal-kiri;
 - (c) spejjeż amministrattivi, inklużi spejjeż tal-persunal, li jirriżultaw minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali.
3. Għall-finijiet tal-Artikolu 314(7), il-punti (f) u (i), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jeskludu mill-kalkolu tal-indikatur tan-negozju l-elementi li ġejjin, meta jkunu relatati ma' assi ta' lokazzjoni jew li jirriżultaw minn event ta' riskju operazzjonali:
 - (a) id-deprezzament ta' assi tanġibbli;
 - (b) l-amortizzament tal-assi intanġibbli;
 - (c) l-indeboliment jew l-irrivversjar tal-indeboliment.

TITOLU III AĠĠUSTAMENTI GĦALL-INDIKATUR TAN-NEGOZJU

Artikolu 17

Kalkolu tal-aġġustamenti għall-indikatur tan-negozju f'każ ta' fużjonijiet u akkwizzizzjonijiet

1. Meta jikkalkulaw l-indikatur tan-negozju tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu entrati ta' entitajiet jew attivitajiet akkwiżiti jew fużi, abbażi ta' rapporti finanzjarji awditjati storiċi. Għal akkwizzizzjonijiet ta' attivitajiet li għalihom rapporti finanzjarji ddedikati ma kinux storikament stabbiliti, l-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw il-kalkolu fuq l-informazzjoni finanzjarja storika użata għall-valwazzjoni finali tal-attività miksuba.
2. L-istituzzjonijiet li jistgħu jagħtu prova li r-rapporti finanzjarji awditjati storiċi jew l-informazzjoni finanzjarja storika relatata mal-attività jew mal-entità akkwiżita jew fuża ma jkunux disponibbli jew akkurati, għandhom jinkludu entitajiet jew attivitajiet akkwiżiti jew fużi fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tagħhom, bl-użu tal-indikatur tan-negozju tal-istituzzjoni mmultiplikata bil-fattur M & A, li għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-formula li ġejja u abbażi tal-aħħar informazzjoni finanzjarja disponibbli u akkurata fir-rigward ta' dik l-entità jew l-attività, inkluż l-eżerċizzju finanzjarju annwali kontinwu:

M&A factor

$$= \frac{\text{Dħul Operattiv Nett tal – Istituzzjoni} + \text{Dħul Operattiv Nett tal – Entità/Attività}}{\text{Dħul Operattiv Nett tal – Istituzzjoni}}$$

fejn l-Introjtu Operattiv Nett (NOI, Introjtu Operattiv Nett) jiġi kkalkulat bħal fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3117⁴ (FINREP F02.00_r355_c010).

⁴ Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3117 tad-29 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

3. Meta l-approċ tal-fattur M&A ma jkunx fattibbli minħabba nuqqas ta' data, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu entitajiet jew attivitajiet akkwiżiti jew fużi fil-kalkolu tal-indikatur tan-negożju tagħhom bl-użu ta' previżjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' dik l-entità jew attività abbażi tal-informazzjoni użata għall-valwazzjoni finali.
4. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw ir-rapporti finanzjarji awditjati tagħhom għall-kalkolu tal-indikatur tan-negożju minflok l-approċ imsemmi fil-paragrafu 2 hekk kif l-entità jew l-attività akkwiżita jew fuża tiġi inklużi bis-sħiħ fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjonijiet.
5. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ukoll kwalunkwe aġġustament fl-indikatur tan-negożju f'konformità mal-paragrafi 1 sa 4 fil-livell tal-impriża prinċipali tagħhom meta tali impriża prinċipali tkun soġġetta għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 skont l-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.
6. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tagħhom dwar il-pjan tagħhom li jinkludu fil-kalkolu tal-indikatur tan-negożju entitajiet jew attivitajiet li għandhom jiġu akkwiżiti jew fużi, skont il-metodi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dik in-notifika mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn meta jiġu inklużi, f'konformità mal-Artikolu 315(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-entitajiet jew l-attivitajiet li għandhom jiġu akkwiżiti jew li għandhom jiġu fużi u għandhom jippreżentaw ir-reqwiziti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali kif ikkalkulati f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Twaqqit għall-aġġustamenti għall-indikatur tan-negożju wara l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet

L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-aġġustamenti msemmija fl-Artikolu 17 fl-ewwel data tal-preżentazzjoni tar-rapportar applikabbli skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3117 wara d-data li minnha jidħlu fis-seħħ il-fużjoni jew l-akkwiżizzjoni.

Artikolu 19

Proċedura għall-għoti ta' permess biex jiġu esklużi mill-indikatur tan-negożju dawk l-ammonti li huma relatati ma' entitajiet jew attivitajiet disposti

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess lill-istituzzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 315(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 wara li jkunu analizzaw il-profil tar-riskju operazzjonali tal-entrati li ġejjin:
 - (a) il-kontribuzzjoni għat-telf mir-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni matul l-aħħar mill-inqas 5 snin finanzjarji minn entitajiet jew attivitajiet disposti;
 - (b) kwalunkwe arranġament kuntrattwali li bih l-istituzzjoni jew kwalunkwe entità oħra fil-grupp tagħha timpenja ruħha li tipprovdli lix-xerrej tal-entitajiet jew tal-attivitajiet disposti b'kumpens jew b'indennifikazzjoni għal telf jew għal obligazzjonijiet futuri li jirriżultaw minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali li seħħew qabel id-disponiment;
 - (c) l-impatt tad-disponiment ta' entitajiet jew attivitajiet fuq l-istruttura tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni li jimmina l-kapaċità tagħha li tidentifika, tkejjel

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 (ĠU L, 2024/3117, 27.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3117/oj).

u timmitiga r-riskju operazzjonali, inklużi bidliet fis-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, it-trasferiment tar-riżorsi, u kwalunkwe aspekk rilevanti ieħor ta' ristrutturar.

2. L-istituzzjonijiet li japplikaw għall-permess imsemmi fl-Artikolu 315(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jissottomettu dan li ġej lill-awtorità kompetenti tagħhom:
 - (a) deskrizzjoni tad-disponiment tal-entitajiet jew l-attivitajiet, ir-raġunament tiegħu u d-dati ta' implimentazzjoni tiegħu;
 - (b) analiżi kwantitattiva tal-impatt tad-disponiment tal-entitajiet jew tal-attivitajiet dwar ir-rekwiżiti kapitali tar-riskju operazzjonali u kwalunkwe evidenza ta' sostenn, inklużi rapporti finanzjarji awditjati u rapporti finanzjarji *pro-forma* stabbiliti minn awditur indipendenti;
 - (c) id-dettall tat-telf mir-riskju operazzjonali relatat mal-entità jew mal-attività disposta matul l-aħħar 10 snin finanzjarji, fejn disponibbli;
 - (d) it-termini u l-kundizzjonijiet tad-disponiment tal-entitajiet jew tal-attivitajiet, inkluż kwalunkwe ftehim sekondarju, u analiżi legali rigward l-obbligazzjonijiet li jistgħu jiġġarrbu minn avvenimenti li seħħew qabel id-disponiment;
 - (e) konferma li l-korp maniġerjali approva d-disponiment tal-entitajiet jew l-attivitajiet, u d-data ta' dik l-approvazzjoni;
 - (f) analiżi tal-impatt tad-disponiment tal-entitajiet jew l-attivitajiet fuq l-istruttura tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni;
 - (g) kwalunkwe dokument jew informazzjoni addizzjonali li jagħtu prova li l-entità jew l-attivitajiet li jsir disponiment minnhom ma jibqgħux jitqiesu rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.
3. L-istituzzjonijiet għandhom jippreżentaw it-talba kompluta tagħhom għall-permess imsemmi fl-Artikolu 315(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lill-awtorità kompetenti rilevanti mill-inqas 90 jum qabel id-data maħsuba tal-aġġustament tal-indikatur tan-negozju.
4. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha twieġeb għal talba għal permess imsemmija fl-Artikolu 315(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bil-miktub fi żmien 90 jum minn meta tirċievi d-dokumentazzjoni kompluta li tappoġġa dik it-talba.

Artikolu 20

Proċedura għall-għoti ta' permess biex jiġu esklużi mill-indikatur tan-negozju ammonti relatati ma' entitajiet jew attivitajiet disposti fejn l-impatt taċ-ċessjonijiet ikun baxx

1. Meta tiġi ppreżentata t-talba msemmija fl-Artikolu 19(2), il-permess imsemmi fl-Artikolu 315(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu jitqies li ngħata meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) is-somma tal-introjtu operatorju nett (NOI, net operating income) tal-entitajiet jew tal-attivitajiet disposti matul sena finanzjarja tirrappreżenta mhux aktar minn 5 % tal-NOI tal-istituzzjoni ta' disponiment matul l-istess sena finanzjarja;
 - (b) l-awtorità kompetenti ma topponix it-talba bil-miktub fi żmien 90 jum minn meta tirċievi d-dokumentazzjoni kompluta li tappoġġa talba għal permess minn istituzzjoni.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti billi jużaw l-ammont tal-NOI tal-entitajiet jew tal-attivitajiet disposti u tal-istituzzjoni li tiddisponi.

Artikolu 21

Kalkolu tal-aġġustament tal-indikatur tan-negozju f'każ ta' disponimenti

Istituzzjonijiet li jkunu ngħataw il-permess imsemmi fl-Artikoli 19 jew 20, kif applikabbli, jistgħu jeskludu l-ammonti tal-indikatur tan-negozju relatati mal-entitajiet jew mal-attivitajiet disposti għall-aktar tliet snin finanzjarji reċenti, abbażi tar-rapporti finanzjarji awditjati ta' dawg l-entitajiet jew tal-informazzjoni finanzjarja użata għall-valwazzjoni finali ta' dawg l-attivitajiet.

Artikolu 22

Twaqqit għall-aġġustamenti tal-indikatur tan-negozju f'każ ta' disponiment

Istituzzjonijiet li ngħataw il-permess imsemmi fl-Artikoli 19 jew 20, kif applikabbli, jistgħu jaġġustaw l-indikatur tan-negozju taġġhom skont l-Artikolu 21. Dawg l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw ir-rekwiżiti riveduti tal-kapital tar-riskju operazzjonali fid-data tas-sottomissjoni tar-rapportar applikabbli li ġejja kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3117.

PARTI II

Tassonomija tat-telf mir-riskji operazzjonali, kundizzjonijiet li fihom il-kalkolu tat-telf annwali mir-riskji operazzjonali jista' jitqies bħala "ta' piż bla bżonn", kalkolu tas-sett ta' data dwar it-telf u aġġustamenti għal dak is-sett ta' data dwar it-telf

TITOLU I

Tassonomija tat-telf mir-riskji operazzjonali

Artikolu 23

Klassifikazzjoni ta' eventi ta' telf

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 317(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf f'tip wieħed ta' event tal-Livell 1 skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament u f'kategorija waħda tal-Livell 2 skont l-Artikoli 25 sa 31 ta' dan ir-Regolament. Meta event ta' telf jaqa' taħt diversi tipi ta' eventi tal-Livell 1 jew diversi kategoriji tal-Livell 2, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw dak l-event fl-aktar tip ta' event tal-Livell 1 jew kategorija tal-Livell 2 rilevanti.
2. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw għal kull event ta' telf l-attributi applikabbli kollha f'konformità mal-Artikolu 32.
3. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu fis-sett ta' data dwar it-telf it-telf, it-telf li jiġi rkuprat kompletament fi żmien 5 ijiem tax-xogħol. Meta l-irkupru jkun parzjali, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fit-telf gross imsemmi fl-Artikolu 318(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 biss il-parti tat-telf li ma tiġix irkuprata fi żmien 5 ijiem tax-xogħol.
4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw bħala eventi ta' telf minħabba proċedimenti legali t-telf li huwa dovut għat-tilwim u s-soluzzjonijiet legali kollha, inklużi kemm is-soluzzjonijiet bil-mandat tal-qorti kif ukoll it-tilwim u s-soluzzjonijiet barra mill-qorti.

Artikolu 24

Klassifikazzjoni Livell 1

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf f'wieħed mit-tipi ta' eventi tal-Livell 1 li ġejjin:

Klassifikazzjoni tat-tip ta' event tal-Livell 1	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza
Frodi interna	Telf minħabba atti ta' tip maħsub għall-frodi u l-miżapproprjazzjoni ta' proprjetà, esklużi avvenimenti ta' diversità/diskriminazzjoni, li jinvolvu mill-inqas parti interna waħda (jiġifieri parti b'relazżjoni diretta mal-istituzzjoni jew li għaliha l-istituzzjoni hija responsabbli b'mod konġunt), inklużi każijiet fejn il-parti interna tkun qed taġixxi f'kollużjoni ma' partijiet esterni.	1
Frodi esterna	Telf minħabba atti tat-tip maħsubin biex iqarrqu u jużaw ħażin proprjetà, imwettqa minn parti esterna mingħajr l-involviment ta' parti interna.	2
Prattiki tal-Impjegar u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol	Telf li jirriżulta minn atti li ma jaqblux mal-liġijiet jew ftehimiet dwar l-impjeggi, is-saħħa jew is-sigurtà, minn h̄las ta' talbiet għal danni personali, jew minn avvenimenti ta' diversità/diskriminazzjoni lejn l-impjegati.	3
Klijenti, prodotti u prassi operazzjonali	Telf għajr frodi li jirriżulta minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligu professjonali lejn klijenti speċifiċi (inklużi rekwiżiti fiduċjarji u ta' idoneità), minn prattiki kummerċjali jew min-natura jew id-disinn ta' prodott.	4
Ħsara fiżika assi	Telf li jirriżulta minn telf jew ħsara lil assi fiżiċi, impjegati jew affiljati tal-istituzzjoni, assi pubbliċi jew persuni mhux affiljati li għalihom l-istituzzjoni hija responsabbli, minħabba diżastri naturali jew avvenimenti oħra, inklużi inċidenti, ħsara volontarja, gwerra, inkwiet ċivili, irvellijiet u terroriżmu.	5
Tqallib tal-operat u nuqqas ta'	Telf li jirriżulta minn tfixkil fin-negozju	6

funzjonament tas-sistemi	tas-jew minn fallimenti tas-sistema.	
Eżekuzzjoni, konsenja u ġestjoni tal-proċessi	Telf minn ipproċessar tat-tranżazzjonijiet jew ġestjoni tal-proċessi u ġestjoni tad-data li ma jirnexxux, minn relazzjonijiet ma' kontropartijiet kummerċjali, bejjiegħa u awtoritajiet regolatorji u tat-taxxa.	7

Artikolu 25

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 għat-tip ta' avveniment tal-Livell 1 Frodi interna

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf ikklassifikat bħala Frodi interna f'konformità mal-Artikolu 24 f'waħda mill-kategoriji tal-Livell 2 li ġejjin:

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 tal-Frodi Interna	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza
Tixħim u korruzzjoni	Tixħim jew korruzzjoni minn parti interna tal-istituzzjoni.	1.1
Frodi interna mwettqa kontra l-istituzzjoni	Frodi mwettqa minn parti interna kontra l-istituzzjoni. Din il-kategorija tinkludi serq jew manipulazzjoni ta' data u avvenimenti ta' negozjar diżonesti, inklużi dawk imwettqa permezz ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni ta' pożizzjonijiet, riskji u kontijiet ta' profitt u telf.	1.2
Frodi interna mwettqa kontra partijiet ikkonċernati oħra	Frodi mwettqa minn parti interna kontra l-partijiet esterni tal-istituzzjoni, inklużi klijenti u partijiet terzi. Din il-kategorija tinkludi serq jew manipulazzjoni ta' data u avvenimenti ta' negozjar diżonesti, inklużi dawk imwettqa permezz ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni ta' pożizzjonijiet, riskji u kontijiet ta' profitt u telf.	1.3

Artikolu 26

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 għat-tip ta' event tal-Livell 1 Frodi esterna

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf ikklassifikat bħala Frodi esterna f'konformità mal-Artikolu 24 f'waħda mill-kategoriji tal-Livell 2 li ġejjin:

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 tal-frodi esterna	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza

Frodi mwettqa mill-klijenti tal-istituzzjoni	Atti frodulentu mhux relatati ma' serq ta' data jew manipulazzjoni ta' data li jkunu twettqu minn klijent tal-istituzzjoni, anke f'kollużjoni ma' persuna oħra.	2.1
Frodi li ma twettaqx mill-istituzzjoni klijenti	Atti frodulentu li ma jkunux relatati ma' serq ta' data jew manipulazzjoni ta' data li ma jkunux twettqu minn klijent tal-istituzzjoni, inkluż permezz tal-identità ta' persuna mhux konxja ta' dan.	2.2
Serq ta' data u manipulazzjoni	Data misruqa minn sistemi bankarji jew manipulata b'mod malizzjuż fihom bi kwalunkwe mezz, inklużi attackki ċibernetiċi. Dan ikopri t-tipi kollha ta' data, pereż. data tal-klijenti, data tal-impjegati, u d-data proprjetarja tal-istituzzjoni.	2.3
Serq bi żgass, serq bi żgass u serq ta' assi fiżiċi	Serq aggravat bil-vjolenza, serq mid-djar u serq ta' assi fiżiċi minn parti esterna.	2.4

Artikolu 27

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 għat-tip ta' event tal-Livell 1 Prattiki tal-impjeg u sikurezza fuq il-post tax-xogħol

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf ikklassifikat bħala Prattiki tal-impjeg u sikurezza fuq il-post tax-xogħol f'konformità mal-Artikolu 24 f'waħda mill-kategoriji tal-Livell 2 li ġejjin:

Prattiki tal-impjeg u klassifikazzjoni tal-Livell 2 tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza
Prattika tal-impjeg mhux adegwata	Telf li jirriżulta minn ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjegati jew tar-rekwiżiti regolatorji (inkluż trattament ħażin reali jew perċepit tal-impjegati li jista' jiġi traċċat għal ksur regolatorju bħal tkeċċija inġusta, fastidju); relazzjonijiet ta' impjeg ineffettivi (inkluża azzjoni industrijali, bħal strajkijiet, tribunali, u ġestjoni ineffettiva tar-relazzjonijiet bejn l-unions/il-gruppi tal-impjegati); id-diversità u d-diskriminazzjoni lejn l-impjegati.	3.1
Sikurezza fuq il-post tax-xogħol mhux adegwata	Telf li jirriżulta minn sikurezza ineffettiva fuq il-post tax-xogħol u ksur tar-regoli tas-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati.	3.2

Artikolu 28

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 għall-Klijenti tat-tip ta' event tal-Livell 1, prodotti u prattiki tan-negozju

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf ikklassifikat bħala Klijenti, prodotti u prattiki tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 24 f'waħda mill-kategoriji tal-Livell 2 li ġejjin:

Klassifikazzjoni ta' livell 2 ta' klijenti, prodotti u prattiki tan-negozju	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza
Trattament ħażin tal-klijent / Nuqqas ta' twettiq tad-dmirijiet lill-klijent	Imġiba mhux xierqa lejn il-klijenti u nuqqas ta' rispett u konformità mad-dmirijiet lejn il-klijenti, attwali jew potenzjali.	4.1
Ksur tal-privatezza tad-data / Ġestjoni ħażina tal-kunfidenzjalità	Żvelar mhux xieraq jew użu ħażin ta' informazzjoni kunfidenzjali.	4.2
Prattiki tas-suq / mhux xierqa, Antitrust / Antikompetittivit à	<p>It-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali bi ksur tar-regoli u l-istandards tan-negozjar, inklużi t-tipi kollha ta' abbuż u manipulazzjoni tas-suq.</p> <p>Ksur tal-liġijiet tal-antitrust jew tal-kompetizzjoni fejn l-istituzzjoni tonqos milli taġixxi skont l-aħjar interess tal-klijenti.</p>	4.3
Kummerċjalizzazzjoni u distribuzzjoni mhux xierqa, inkluż il-falliment tas-servizz tal-bejgħ	<p>Mezzi mhux xierqa/inadegwati ta' distribuzzjoni ta' prodotti u servizzi u prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni diretta mhux xierqa/mhux preċiżi.</p> <p>Il-falliment tas-servizz tal-bejgħ jinkludi kemm il-falliment tas-servizz ta' qabel il-bejgħ kif ukoll il-falliment tas-servizz ta' wara l-bejgħ. Il-falliment qabel il-bejgħ huwa l-provvista ta' servizzi inadegwati jew mhux xierqa lill-klijenti qabel il-bejgħ, inkluż bejgħ qarrieqi u nuqqas li jingħata parir adegwat. Il-falliment wara l-bejgħ jirreferi għal servizzi inadegwati jew mhux xierqa lill-klijenti wara l-bejgħ, inkluż in-nuqqas li tingħata risposta għall-ilmenti tal-klijenti dwar servizzi ta' bejgħ ħżiena fi ħdan il-perjodi ta' żmien definiti mir-regolatur</p>	4.4
Kriminalità finanzjarja	<p>Ir-riskju ta' ħasil tal-flus, falliment tal-proċeduri kun af lill-klijent tiegħek (KYC, know-your-customer) u ksur tas-sanzjonijiet. Din il-kategorija tinkludi:</p> <p>(a) nuqqas ta' konformità mar-restrizzjonijiet imposti mis-sanzjonijiet, inklużi avvenimenti ta' riskju operazzjonali</p>	4.5

	<p>minħabba tranżazzjonijiet żbaljati li jinvolvu pajjiżi sanzjonati;</p> <p>(b) l-involvement fil-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inklużi l-fallimenti fil-proċess tal-KYC.</p>	
<p>Ksur tal-istatut u tar-regolamenti, għajr dak assenjat speċifikament għal tipi jew kategoriji oħra ta' avvenimenti</p>	<p>Ksur ta' kwalunkwe obbligu legali jew regolatorju, minbarra dawk assenjati speċifikament għal tipi jew kategoriji oħra ta' avvenimenti, inklużi l-obbligi legali tal-istituzzjoni u l-obbligi imposti mill-awtoritajiet regolatorji u tat-taxxa.</p> <p>Din il-kategorija tinkludi:</p> <p>(a) l-operazzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni, il-liċenzja, iċ-ċertifikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni meħtieġa;</p> <p>(b) l-evażjoni tat-taxxa.</p> <p>Meta l-evażjoni tat-taxxa titwettag bi ksur konxju tar-regolament tat-taxxa, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw l-avveniment ta' telf għall-avveniment 1.3.</p>	4.6
<p>Disinn mhux xieraq ta' prodotti u servizzi</p>	<p>Difetti fid-disinn ta' prodotti jew servizzi mmirati lejn klijenti b'tali mod li d-disinn ta' prodott/servizz ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' klijent.</p>	4.7
<p>Metodoloġija tal-mudell</p>	<p>Telf minħabba żbalji fil-mudell innifsu, inkluż id-disinn tal-mudell, il-formuli skorretti, il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet sottostanti. Meta s-sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ikunu komponenti tal-mudell, żball minħabba dik it-teknoloġija jista' jaqa' fl-ambitu tar-riskju tal-mudell.</p>	4.8

Artikolu 29

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 għat-tip ta' event tal-Livell 1 Ħsara lil assi fiżiċi

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf ikklassifikat bħala Ħsara lil assi fiżiċi f'konformità mal-Artikolu 24 f'waħda mill-kategoriji tal-Livell 2 li ġejjin:

Ħsara lill-assi fiżiċi Klassifikazzjoni tal-Livell 2	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza
Id-diżastri naturali	Telf minħabba diżastri naturali, inkluż	5.1

	avvenimenti pandemiċi.	
Ċirkostanzi esterni oħra	Telf minħabba ċirkostanzi oħra, inklużi inċidenti, ħsara volontarja, gwerra, disturbi ċivili, irvellijiet u terroriżmu. L-eventi ta' tfixkil fin-negozju, inklużi dawk li jirriżultaw mid-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol, ma għandhomx jiġu mmappjati f'din il-kategorija.	5.2

Artikolu 30

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 għat-tip ta' event tal-Livell 1 Tfixkil tan-negozju u fallimenti tas-sistema

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf ikklassifikat bħala Tfixkil fin-negozju u fallimenti tas-sistema f'konformità mal-Artikolu 24 f'waħda mill-kategoriji tal-Livell 2 li ġejjin:

Tfixkil tan-negozju u fallimenti tas-sistema Klassifikazzjoni tal-Livell 2	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza
Ħsara fl-infrastruttura u fis-sistema	Ħsara fl-infrastruttura u fis-Sistema minħabba fallimenti fl-applikazzjoni interna, sistemi interni u tan-network u tal-informazzjoni u fallimenti fl-appoġġ, fallimenti fl-utilitajiet u esterni, fallimenti fl-infrastruttura, fallimenti fil-programmi ta' bidla fl-ICT.	6.1
Tqallib tal-operat	Tqallib tal-operat minħabba d-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol, id-disponibbiltà fuq il-post tax-xogħol.	6.2

Artikolu 31

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 għat-tip ta' event tal-Livell 1 Eżekuzzjoni, twassil u ġestjoni tal-proċess

L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull event ta' telf ikklassifikat bħala Eżekuzzjoni, konsenja u ġestjoni tal-proċessi f'konformità mal-Artikolu 24 f'waħda mill-kategoriji tal-Livell 2 li ġejjin:

Klassifikazzjoni tal-Livell 2 tal-eżekuzzjoni, konsenja u ġestjoni tal-proċessi	Deskrizzjoni	Numru ta' referenza
Nuqqasijiet fl-ipproċessar/fl-eżekuzzjoni	Nuqqas ta' pproċessar, ġestjoni u eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet (inkluż telf minn żbalji tal-input) jew proċessi oħra (inklużi programmi ta' bidla, differenti minn dawk tal-ICT) b'mod korrett jew xieraq.	7.1

Ġestjoni ħażina tal-kont tal-klijent	Ġestjoni inadegwata tal-portafoll/investimenti tal-klijenti, inkluż aċċess mhux approvat mogħti għall-kontijiet, rekords żbaljati tal-klijenti (telf imġarrab), telf negliġenti jew ħsara lill-assi tal-klijenti.	7.2
Nuqqasijiet drittijiet/obbligi ta'	Nuqqas li tiġi segwita l-proċedura xierqa għat-trattament tal-proċessi legali. Nuqqas ta' ġestjoni korretta tad-drittijiet/obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali. Din il-kategorija tinkludi l-iżbalji kollha ta' eżekuzzjoni li jappartjenu għal proċeduri u proċessi legali, inkluż fir-rapportar lil partijiet esterni, bħall-awtoritajiet tat-taxxa u dawk regolatorji. Ma tinkludix ksur tal-obbligi legali tal-organizzazzjoni, tilwim legali u litigazzjonijiet.	7.3
Ġestjoni tad-data	Nuqqas ta' ġestjoni u żamma xierqa tad-data, inklużi t-tipi kollha ta' data, pereżempju data tal-klijenti, data tal-impjegati, u data proprjetarja tal-organizzazzjoni, iżda eskluż ksur tal-privatezza tad-data u ġestjoni ħażina tal-kunfidenzjalità.	7.4
Implimentazzjoni u użu tal-mudell	Implimentazzjoni inkorretta ta' mudell, anki jekk dan il-mudell jista' jkun korrett. L-użu ta' mudell f'kuntest żbaljat, minkejja li dan il-mudell jista' jkun korrett u implimentat b'mod korrett.	7.5

Artikolu 32

Attributi

- L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw għal kull event ta' telf l-attributi kollha applikabbli minn dawn li ġejjin:

Attributi	Deskrizzjoni
Riskju legali – Mġiba ħażina	Kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (52a), (d), tar-Regolament (UE) 575/2013.
Riskju legali – Mhux imġiba ħażina	Kif definit fl-Artikolu 4, il-punti (52a)(a), (b), (c), (e), (f) u (g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
Riskju tal-mudell	kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (52b), tar-Regolament (UE) 575/2013.
Riskju tal-ICT – mhux relatat maċ-Ċibernetika	Kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (52c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni tat-telf minn attacki ċibernetiċi.

Riskju tal-ICT — relatat maċ-ċibernetika	Telf ikkawżat minn attakki ċibernetiċi kif definit fl-Artikolu 3, punt (14), tar-Regolament (UE) 2022/2554.
Riskju ta' kreditu (fejn mhux inkluż fl-assi ponderati għar-riskju ta' kreditu)	Telf mir-riskju operazzjonali relatat ma' assi ta' kreditu, inklużi frodi ta' kreditu (imwettqa mill-klijent f'ismu stess jew minn parti terza permezz ta' serq tal-identità), kuntratti ta' kreditu mhux infurzabbli jew fallimenti kollaterali, li ma jkunux tħallsu u li ma jgħux ikkunsidrati fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għar-riskju ta' kreditu.
Riskju tas-suq	<p>L-eventi li għejjin, u t-telf relatat, għandhom jiġu kklassifikati bħala riskju operazzjonali relatat ma' tranżazzjonijiet finanzjarji u riskju tas-suq:</p> <p>(a) eventi dovuti għal żbalji operazzjonali u fit-tidħil tad-data, inklużi dawn li għejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) nuqqasijiet u żbalji matul l-introduzzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet; (ii) telf ta' data jew nuqqas ta' fehim tal-fluss tad-data mill-uffiċċju tan-negozjar għall-middle u l-back offices tal-istituzzjoni; (iii) żbalji fil-klassifikazzjoni; (iv) speċifikazzjoni żbaljata tan-negozji fid-dokument dwar il-kondizzjonijiet, inklużi żbalji relatati mal-ammont tat-tranżazzjoni, mal-maturitajiet u mal-karatteristiċi finanzjarji; <p>(b) eventi dovuti għal nuqqasijiet fil-kontrolli interni, inklużi dawn li għejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) nuqqasijiet fl-eżekuzzjoni kif suppost ta' ordni biex tiġi stralċata pożizzjoni fis-suq fil-każ ta' ċaqliq avvers fil-prezzijiet; (ii) pożizzjonijiet mhux awtorizzati meħuda lil hinn mil-limiti allokat, irrispettivament mit-tip ta' riskju li jirrelataw miegħu; <p>(c) eventi dovuti għal kwalità inadegwata tad-data u għal indisponibbiltà tal-ambjent tal-IT, inkluża indisponibbiltà teknika tal-aċċess għas-suq li tirriżulta f'inabilità li jingħalqu kuntratti.</p>
Riskju għal partijiet terzi	<p>Telf li jista' jirriżulta għal istituzzjoni fir-rigward tal-użu tagħha ta' servizzi pprovduti minn fornituri terzi ta' servizzi jew minn sottokuntratturi ta' dak il-fornitur, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.</p> <p>Dak it-telf jinkludi telf minħabba nuqqasijiet fil-ġestjoni xierqa tar-relazzjonijiet u r-riskji ta' partijiet terzi, inkluż l-iżvilupp u ż-żamma ta' qafas ta' kontroll adegwat ta' partijiet terzi (inkluża d-diliġenza dovuta inkluża l-għażla ta' fornituri terzi ta' servizzi, monitoraġġ kontinwu) jew id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' arranġamenti kuntrattwali/ftehimiet dwar il-livell ta' servizz adegwati.</p>

Riskji ambjent, soċjali u ta' governanza	Telf li jista' jirriżulta minn riskji ambjentali, fiżiċi u ta' tranżizzjoni, kif definit fl-Artikolu 4, il-punti (52e), (52f), u (52 g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Telf li jista' jirriżulta minn riskji soċjali u ta' governanza, kif definit fl-Artikolu 4, il-punti (52h) u (52i), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
Riskju ta' greenwashing	Il-kamp ta' applikazzjoni jinkludi r-riskju ta' greenwashing, b'referenza għat-telf li jirriżulta minn prattiki fejn dikjarazzjonijiet, dikjarazzjonijiet, azzjonijiet, jew komunikazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà ma jirriflettux b'mod ċar u ġust il-profil ta' sostenibbiltà sottostanti ta' entità, prodott finanzjarju, jew servizzi finanzjarji. Dawk il-prattiki jistgħu jqarrqu bil-konsumaturi, l-investituri jew parteċipanti oħra fis-suq.
Kontinwità tal-operat	Nuqqas li jiġi pprovdut u jinżamm qafas xieraq ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-operat u ta' ġestjoni tal-avvenimenti (inklużi l-kontinwità tal-operat tal-ICT u l-aspetti ta' rkupru u rispons tal-ICT kif imsemmi fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) 2022/2554), u fl-Artikoli 24, 25 u 26 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1774 ⁵ , inklużi pjanijiet inadegwati ta' kontinwità tal-operat.
Bejgħ bl-imnut (inklużi servizzi bankarji u senserija tal-bejgħ bl-imnut)	<p>Avvenimenti operazzjonali u telf marbut ma' klijenti mhux professjonali, inkluż:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) persuni fiżiċi; (b) SMEs (intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. <p>Il-lista ta' attivitajiet għal dan l-attribut tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) servizzi bankarji għall-konsumatur u dawk privati: self u depożiti, kontijiet tranżazzjonali u ta' tfaddil, servizzi tal-ATMs, servizzi bankarji, lokazzjoni finanzjarja, garanziji u impenji, trusts u estates, pariri dwar l-investment, servizzi ta' kards (kards ta' debitu u ta' kreditu, kards tan-negozjant/kummerċjali/korporattivi, tikketti privati); (b) senserija fil-livell tal-konsumatur: ir-riċeviment, it-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti, it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mingħajr bażi ta' impenn sod.

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1774 tat-13 ta' Marzu 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-għodod, il-metodi, il-proċessi u l-politiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-ICT u l-qafas issimplifikat tal-ġestjoni tar-riskju tal-ICT (ĠU L, 2024/1774, 25.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/del/2024/1774/oj>).

<p>Negozjar u bejgħ</p>	<p>Avvenimenti operazzjonali u telf marbuta ma' attivitajiet inkluż in-negozju u l-bejgħ tal-fluss, is-senserija, il-ġenerazzjoni tas-suq, it-teżor, it-teħid ta' pożizzjonijiet, u l-pożizzjonijiet proprjetarji ġestiti mill-postijiet tan-negozjar, kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (144), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p> <p>Il-lista ta' prodotti għal dan l-attribut tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) l-ekwitajiet: il-portafolli u l-indiċijiet ta' ekwità; (b) l-introjtu fiss u l-kreditu kummerċjali; (c) il-kambju tal-munita; (d) il-komoditajiet, inklużi l-prodotti tal-enerġija; (e) is-suq monetarju, il-finanzjament, ir-repos u s-self ta' titoli; (f) id-derivattivi.
<p>Servizzi bankarji kummerċjali</p>	<p>Avvenimenti operazzjonali u telf marbut ma' attivitajiet li jinkludu self u depożiti, garanziji, lokazzjoni u fatturament, finanzjament tal-kummerċ, finanzjament ta' proġetti, proprjetà immobbli.</p>
<p>Linji operatorji oħrajn (inklużi l-finanzi korporattivi, il-pagament u s-saldu, il-ġestjoni tal-assi, is-servizzi ta' aġenzija, l-entrati korporattivi)</p>	<p>Dan l-attribut jinkludi l-avvenimenti operazzjonali li jifdal u t-telf marbut ma' attivitajiet, minbarra dawk imsemmija fl-attributi tal-Bejgħ bl-Imnut, tan-negozjar u tal-bejgħ, u tal-Ibbankjar kummerċjali, inklużi dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) finazi korporattivi: fużjonijiet u akkwizzizzjonijiet, sottoskrizzjoni, privatizzazzjonijiet, titolizzazzjoni, offerti pubbliċi inizjali u pjazzamenti privati, servizzi ta' konsulenza, finazi muniċipali u tal-gvern, servizzi bankarji merkantili; (b) pagamenti u saldi għal klijenti esterni: pagamenti u ġbir, trasferiment ta' fondi, ikklerjar u saldu ta' flus u titoli; telf mill-pagamenti u mis-saldu relatat mal-attivitajiet proprji tal-istituzzjoni għandu jiġi inkorporat fil-linja operatorja affettwata; (c) servizzi ta' aġenzija għall-kont tal-klijenti: servizzi ta' kustodja (kont miżmum minn terzi, irċevuti depożitarji, azzjonijiet korporattivi, eċċ.), trust korporattiv u fiduċjarja korporattiva (emittent u aġenti tal-ħlas); (d) immaniġġjar ta' assi: ġestjoni ta' fondi diskrezzjonarji u mhux diskrezzjonarji, inkluża ġestjoni tal-portafoll (fondi komuni, segregati, bejgħ bl-imnut, istituzzjonali, magħluqa, miftuħa, ekwità privata); (e) entrati korporattivi: għal entrati purament fil-livell korporattiv, inklużi dawk li jaffettwaw lill-Bord tad-Diretturi, rapportar ħażin ta' rapporti finanzjarji, jew avvenimenti oħra li jistgħu jiġu kkattegorizzati biss fiċ-ċentru korporattiv.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw għal kull event ta' telf tal-anqas attribut wieħed fost “fil-livell tal-konsumatur (inkluż is-senserija bankarja u fil-livell tal-konsumatur)”, “Negozjar u bejgħ”, “Ibbankjar kummerċjali” u “Linji operatorji oħrajn (inkluż il-finanzi korporattivi, il-pagament u s-saldu, il-ġestjoni tal-assi, is-servizzi ta' aġenzija, l-entrati korporattivi)”.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw l-attributi “Riskju legali – Kondotta ħażina”, “Riskju legali – Mhux imġiba ħażina” u “Riskju tal-mudell” għat-tipi ta' avvenimenti tal-Livell 1 u l-kategoriji tal-Livell 2 f'konformità mal-Anness.

Artikolu 33

Applikazzjoni retroattiva tas-sett ta' data dwar it-telf

1. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw eventi ta' telf lit-tipi ta' eventi tal-Livell 1 rilevanti f'konformità mal-Artikolu 24 mill-1 ta' Jannar 2016.
2. L-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw eventi ta' telf lill-kategoriji rilevanti tal-Livell 2 f'konformità mal-Artikoli minn 25 sa 31 mill-1 ta' Jannar 2025.
3. L-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw attributi għal eventi ta' telf skont l-Artikolu 32 minn mill-inqas l-1 ta' Jannar 2025.

TITOLU 2

Kundizzjonijiet li fihom il-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operazzjonali għandu jitqies bħala “ta' piż bla bżonn”

Artikolu 34

Fużjonijiet u akkwisti

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 316(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu tat-telf mir-riskju operazzjonali għandu jitqies bħala ta' piż bla bżonn sa tliet snin finanzjarji wara d-data li fiha tidħol fis-seħħ il-fużjoni jew l-akkwiżizzjoni meta, minħabba dik il-fużjoni jew l-akkwiżizzjoni, l-indikatur tan-negozju ta' istituzzjoni jkun daqs jew jaqbeż l-EUR 750 miljun, iżda ma jaqbiżx l-EUR 1 biljun.
2. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jitnaqqas sa massimu ta' sentejn finanzjarji wara l-finalizzazzjoni legali tal-fużjoni jew tal-akkwiżizzjoni fejn mill-inqas waħda, iżda mhux kollha, mill-istituzzjonijiet involuti fil-fużjoni jew fl-akkwiżizzjoni tkun ikkalkulat it-telf mir-riskju operazzjonali s-sena ta' qabel l-operazzjoni.
3. Meta l-istituzzjonijiet kollha involuti fil-fużjoni jew fl-akkwiżizzjoni jkunu kkalkulaw it-telf mir-riskju operazzjonali fis-sena ta' qabel l-operazzjoni, il-kalkolu tat-telf mir-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni li jirriżulta mill-fużjoni jew mill-akkwiżizzjoni ma għandux jitqies bħala ta' piż bla bżonn.

Artikolu 35

Indikatur tan-negozju temporanjament ugwali għal jew aktar minn EUR 750 miljun u li ma jaqbiżx il-EUR 1 biljun

Għall-finijiet tal-Artikolu 316(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu tat-telf mir-riskju operazzjonali għandu jitqies bħala ta' piż bla bżonn għall-istituzzjonijiet li l-indikatur tan-negozju tagħhom huwa ugwali għal EUR 750 miljun jew aktar, iżda li ma jaqbiżx

il-EUR 1 biljun, għal mhux aktar minn erba' dati ta' rapportar konsekuttivi jew għal mhux aktar minn tmien dati ta' rapportar fl-għoxrin data ta' rapportar preċedenti.

Artikolu 36

Istituzzjoni tranżitorja fl-Artikolu 40 tad-Direttiva 2014/59/UE

Għall-finijiet tal-Artikolu 316(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu tat-telf mir-riskju operazzjonali għandu jitqies bħala ta' piż bla bżonn għall-istituzzjonijiet tranżitorji kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (59), tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

TITOLU 3

Aġġustamenti għas-sett ta' data dwar it-telf wara l-inklużjoni tat-telf minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti

Artikolu 37

Aġġustamenti għas-sett ta' data dwar it-telf relatati mal-kalkolu tat-telf u mat-tassonomija tar-riskju

L-istituzzjonijiet għandhom jirreġistraw it-telf li jirriżulta minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti fis-sett ta' data dwar it-telf tal-istituzzjoni tar-rapportar bl-aġġustamenti neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 317 u 318 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Artikolu 38

Aġġustamenti fis-sett ta' data dwar it-telf minħabba differenzi fil-munita

Meta l-munita tal-entitajiet jew tal-attivitajiet fużi jew akkwiżiti tkun differenti mill-munita tal-istituzzjoni akkwirenti, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu telf li jirriżulta minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti fis-sett ta' data dwar it-telf li japplikaw, għal kull tiegħa ta' għaxar snin, ir-rata tal-kambju użata fi tmiem is-sena rilevanti fir-rapport finanzjarju tal-istituzzjoni.

Artikolu 39

Kalkolu tat-telf meta l-istituzzjoni akkwirenti jew fuża ma tkunx tista' tintegra minnufih is-sett ta' data dwar it-telf tal-istituzzjoni jew tal-attivitajiet akkwiżiti jew fużi

1. Meta l-entitajiet jew l-attivitajiet fużi jew akkwiżiti ma jkunux stabbilew jew żammew sett ta' data dwar it-telf minħabba li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 317 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjoni akkwirenti tista' tuża l-formula li ġejja biex tikkalkula t-telf annwali mir-riskju operazzjonali msemmi fl-Artikolu 316 ta' dak ir-Regolament:

$$\text{Riskju operazzjonali annwali telf} = \frac{\text{Telf Rappurtat}}{\text{Kopertura ta' Telf Rappurtat}}$$

fejn:

⁶ Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj>).

PARTI III

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 40 **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
Magħmul fi Brussell, 28.5.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN